Servizzi ta’ parentcraft

- minn Marie-Louise Bugeja, Parentcraft Co-ordinator

L-għan tas-servizzi ta’ parentcraft huwa li nagħtu edukazzjoni u appoġġ lill-mara tqila u s-sieħeb tagħha. L-edukazzjoni tingħata permezz ta’ (a) korsijiet ta’ parentcraft fl-isptar Karin Grech, fiċ-ċentri tas-saħħa u fil-Unit Għożża (għal teenagers tqal); (b) kampanja estensiva ta’ edukazzjoni fil-mezzi tax-xandir, immirata mhux biss lejn dawk li ma jistgħux jattendu għall-korsijiet ta’ parentcraft iżda wkoll lejn il-pubbliku ġenerali biex kemm jista’ jkun ma jibqgħux jingħataw pariri kontradittorji u ma jibqgħux jintqalu ħrejjef dwar it-tqala; (ċ) newsletter li toħroġ kull tliet xhur u li intom tistgħu tinkitbu biex tibdew tirċevuha; (d) diversi handouts u fuljetti professjonali li jitħejjew b’impenn u sagrifiċċju personali kbir; u (e) organizzazzjoni ta’ konferenzi għall-pubbliku ġenerali. Isiru wkoll diversi taħditiet ad hoc fi skejjel, gruppi għall-ommijiet u t-trabi. eċċ. L-appoġġ jingħata l-iżjed permezz tal-helpline tagħna, fejn il-klijenti jistgħu jċemplu u jitolbu l-għajnuna dwar kwalunkwe problema kemm matul it-tqala kif ukoll wara t-twelid. Kif wieħed jista’ jistenna, il-klijenti spiss jiġu direttament għandna għall-għajnuna għax magħna jkunu bnew relazzjoni ta’ ħbiberija u fiduċja tul il-korsijiet. Madankollu l-helpline huwa miftuħ għal kulħadd, inklużi dawk li qatt ma attendew, qraba u kull min jixtieq jagħmel użu minn dan is-servizz.

Is-servizzi ta’ parentcraft jaħdmu id f’id ma’ servizzi oħra, fosthom Għożża (Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni – qabel kienet tissejjaħ School Girl Mothers Unit); Il-Benniena (Servizzi Soċjali); SANDS (Stillbirth and Neonatal Death Society); ABC (Association of Breastfeeding Counsellors); u Caesarean Support Group.

It-tim tal-midwifery tagħna bħalissa jikkonsisti f’erba’ midwives li huma motivati ħafna u li mhux biss jagħmlu kull sforz biex joffru l-aqwa servizzi lill-klijenti tagħhom iżda jagħmlu wkoll ħilithom kollha biex jintroduċu saħansitra aktar servizzi. Dawn jinkludu taħditiet immirati lejn gruppi speċifiċi bħal tqala b’aktar minn tarbija waħda, l-iżvilupp tad-diskors u l-lingwa, il-loppju bl-epidural, eċċ. Din it-taqsima tagħti servizz lil madwar 2000 klijent kull sena, bil-klijenti jiġu minn kull qasam tal-ħajja u jinkludu anke lil dawk li jagħżlu li jwelldu fi sptar privat.

Fl-ewwel vista tagħhom, in-nisa tqal kollha issirilhom stedina mingħand il-Parentcraft Services. Il-ħtieġa ta' dan tinħass l-aktar għal klijenti li jkun se jkollhom iżjed minn tarbija waħda, u fil-fatt ġew introdotti refresher courses speċifikament għal dawn il-klijenti. Ir-rispons huwa pożittiv ħafna l-Parentcraft Services issa qegħdin joffru żewġ refresher courses kull ġimgħa, bid-domanda dejjem tikber. Fl-2002 ġew introdotti l-Early Pregnancy Courses għal dawk il-klijenti li l-ewwel vista tagħhom jagħmluha fil-bidu tat-tqala. kif idealment għandu jagħmel kulħadd. Aħna nirċievu regolarment applikazzjonijiet minn fuq it-telefon mingħand klijenti li jkunu għadhom ma rreġistrawx ruħhom l-isptar iżda li jkunu semgħu bis-servizz provdut. Fl-2002 ġew introdotti wkoll sessjonijiet wara nofsinhar li saru popolari ħafna, filwaqt li fl-2004 bdew isiru sessjonijiet nhar ta' Ħadd.

**Is-sessjonijiet ta' nhar ta' Ħadd tant hemm domanda għalihom li bħalissa qed isiru żewġ korsijiet separati f'din il-ġurnata u fit-tnejn li huma hemm għadd kbir ta' parteċipanti.**

**Matul il-ġimgħa kważi kuljum isiru klassijiet ta' fil-għaxija, filwaqt li bħalissa qegħdin isiru wkoll sessjonijiet tard wara nofsinhar nhar ta' Sibt (dawn jalternaw ma' tal-Ħadd). Barra minn hekk, is-Sibt fil-għodu jsiru sessjonijiet bl-Ingliż biex b'hekk nilħqu lill-klijenti Maltin u barranin li jippreferu sessjonijiet bl-Ingliż.**

Fl-2004 ġew introdotti wkoll il-Post Natal Groups iżda l-għan ta' dawn huwa fil-parti l-kbira tiegħu soċjali. Il-Parentcraft Services għandhom il-ħsieb li jestendu s-servizzi tagħhom billi joffru Postnatal Courses fejn ġenituri ġodda jsiru midħla ta' diversi suġġetti marbuta mat-trabi tat-twelid, fosthom it-transizzjoni mill-ħalib ta' l-omm għal ikel ieħor, il-komunikazzjoni, parental skills, eċċ.

Kif wieħed jista' jistenna, f'dan kollu hemm ħafna xogħol ta' kitba involut u fil-fatt ġiet allokata skrivana għall-Parentcraft Services. B'hekk il-midwives ikollhom ħin x'jiddedikaw għal fatturi importanti oħra, partikolarment ir-relazzjoni mal-klijenti. Kultant telefonata għall-għajnuna tkun tirrikjedi li l-midwife tqatta' ħin konsiderevoli tisma' lill-klijenta u tagħtiha l-pariri. Xi drabi l-midwife iżżur lill-klijenta l-isptar jew, f'każijiet estremi, saħansitra d-dar.

Mhix ħaġa faċli li tikkoordina dawn is-servizzi kollha, aktar u aktar billi hemm bosta oqsma ġodda x'jiġu żviluppati. L-allokazzjoni ta' aktar impjegati kieku tgħin biex jingħataw iżjed servizzi u biex jintlaħqu aktar nisa tqal, speċjalment billi aktar u aktar klijenti qegħdin jagħmlu

użu minn dawn is-servizzi u mill-helpline. Bħalissa għandna bżonn kbir ukoll ta' post fejn il-klijenti jkunu jistgħu jikkonsultaw mal-midwives bil-mod kunfidenzjali u professjonali li jixirqilhom.